# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta 3 ta' Ottubru, 2023**

**Kawza Numru: 8**
**Rikors Guramentat Numru:- 175/2018JVC**

**Maria Dolores Attard ID 296652M, Emanuela Schembri ID 260164M, Gemma Mercieca 39559M, Philip Mifsud ID 174556M, Joseph Mifsud ID376457M, Agnes Zammit ID 391654M u Angelo Mifsud ID 447767M**

**vs**

**Carmelo sive' Charles Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti li jaqra kif isegwi:

**A. 'Dikjarazzjoni tal-Fatti:**

1. Illi l-kontendenti huma kollha wlied il-mejjet Micheal Mifsud li kellu l-karta ta' l-identita bin-numru 0443331M u li kien armel tad-defunta martu Maria Assunta Mifsud nee' Scerri li mietet nhar l-20 ta' Marzu 2016. (Dok A)

2. Illi l-imsemmi Michael Mifsud miet ukoll nhar is-17 ta' Ottubru 2017 (Dok B).

3. Illi nforza ta' l-ahhar testment tieghu datat 24 ta' Jannar 2017 in atti tan-Nutar Anna Maria Mizzi, (Doks C, C u E), Micheal Mifsud innomina bhala eredi universali tal-propjeta tieghu kollha mobbli w immobli prezenti u futuri f'Malta jew fl-esteru, korporeali jew inkorporeali lil ibnu Charles Mifsud fis-sostituzzjoni volgari ta' wliedu fi kwoti indaqs u ndivizi bejniethom, f'kaz ta' premorjenza, u dan bl-obbligu li dan ibnu eredi jkompli jirrendilu dawk il-kuri servigi u assistenza li hu ikollu bzonn sal-mewt tieghu.

4. Illi noltre' inforza tal-istess testment Micheal Mifsud iddizeredita kompletament lil uliedu Emanuela Schembri, Gemma Mercieca, Maria Dolores Attard, Philip Mifsud, Agnes Zammit u Joseph Mifsud stante li skond hu "dawn huma hatja ta' mohqrija lejh meta istitwew kawza kontra tieghu ghas-sehem riservat fuq il-wirt ta' ommhom, u minkejja illi huwa ghamel offerti vantagguzi, dawn baqghu jippersistu kontra tieghu, u barra minn hekk ghamlu mandati kontra tieghu b'tali mod illi mhux biss iffrizaw il propjeta li kienet derevanti mill-wirt ta' ommhom izda anke dik li hi tieghu personalment b'mod li minhabba tali mandat it-testatur spicca f'posizzjoni fejn ma jistax jhallas numru ta' kontijiet u debiti ohra li huwa

kellu, u minkejja li talab ir-rilaxx ta' flusu sekwestrati dawn uliedu baqghu jirrifjutaw ".

5. Illi l-esponenti kollha nkluzi Angelo Mifsud rrinunzjaw ghall-eredita ta' missierhom salvi d-drittijiet taghhom ghall-porzjon riservata spettanti lilhom skond il-ligi, (Dok F)

6. Illi l-esponenti jsostnu li fil-verita l-hajja ta' Micheal Mifsud kienet kontrollata b'mod assolut minn ibnu l-intimat u kien sahansitra zamm lil missieru mieghu l-boghad mill-esponenti b'mod u manjiera li kien jippreklludihom ghal kollox milli jmorru jzuru lil missierhom fid-dar tieghu kif ukoll fid-dar tal-intimat, fejn missierhom kien dan l-ahhar qabel mewtu qed jinzamm.

7. Illi l-intimat kien ta'spiss jigri bil-genituri tieghu ghand in-nutar u jimmanipulahom sabiex jbiddlu t-testment taghhom u jiffavorixxu lilu u lill-familtu ghas-skapitu ta' hutu l-ohrajn, u dana minkejja li l-ahwa kollha adeccezzjoni tal-intimat dejjem taw s-sehem taghhom fid-dar tal-genituri taghhom u assistewhom fejn kellhom bzonn matul hajjithom.

8. Illi l-esponenti kellhom kull dritt li jistitwixxu l-proceduri li huma ghamlu ghall-likwidazzjoni u l-hlas tal-porzjoni riservata fuq l-assi successorji ta' ommhom kontra missierhom bhala l-uniku eredi taghha, u kif ukoll jikkawtelaw id-drittijiet taghhom bil-mandati skond il-ligi, u ghalhekk tali proceduri ma jaqghux fil-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 623 tal-kapitolu Sittax tal-Ligijiet ta' Malta dwar r-ragunijiet li jistghu jwasslu ghad-dezeredita' tal-maggor parti tar-rikorrenti.

9. Illi l-esponenti tant kienu jafu li missierhom Micheal Mifsud kien kontrollat u manipulat mill-intimat u familtu, li rrikorrew

ghal dawk il-proceduri permessibbli lilhom skond l-ligi sabiex jikkawtelaw d-drittijiet taghhom, ghax altrimenti missierhom kien jkun mgieghel jiddisponi mill-assi kollha tieghu sabiex l-interessi tal-esponenti jkunu pregudikati rrimedjabilment u dana kif ser jkun pruvat fil-mora u t-trattazzjoni tal-kawza.

10.Illi d-defunt Micheal Mifsud kif jircievi l-pensjoni tieghu tal-irtirar u ghajnuna socjali ghall-mard li kellu, izda dina kienet taht il-kontroll tal-intimat bhala kull kwalunkwe propjeta ohra li kellu d-defunt Micheal Mifsud.

11.Illi l-proceduri sstitwiti mir-rikorrenti w li Micheal Mifsud jsemmi fl-ahhar testment tieghu, kienu proceduri legittimi li sehhew wara li l-intimat f'isem missieru naqas li jersaq ghall-kompromess u jassigura ekwita bejn l-ulied kollha salvi provedimenti ekwi ghall-hlasijiet tas-serviggi li jkunu saru mill-kontendenti minn zmien ghal zmien u dejjem jekk jkun il-kaz.

12.Illi l-intimat kien b'mod abbussiv qed jinqeda mill-vulnerabilita tal-genituri tieghu li kienu fragli hafna minhabba l-istat ta' sahhithom u l-eta taghhom, dana sabiex jigwadanja huwa personalment ghad-detriment mhux biss tar-rikorrenti, imma ukoll tal-genituri tieghu stess.

13.Illi l-intimat bhala mandatarju ta' missieru u/jew missieru qatt ma pprezentaw ebda kontijiet bhala prova li missierhom Micheal Mifsud kellu jhallas, u li huma cahduh milli jaghmel dan.

14.Illi minkejja diversi tentattivi li saru sabiex r-rikorrenti jmorru jzuru lill-missierhom, access ghalieh dejjem kien rifjutat,

stante l-biza li l-missier jiftah qalbu maghhom dwar trattament hazin mill-intimat u mill-familjari tieghu jew minhabba li jinbidel t-testment fl-interess u ghall-beneficcu tal-ulied kollha.

15. Illi meta Micheal Mifsud ddahhal l-isptar fl-ahhar jiem ta' hajtu, l-intimat anqas biss informa lir-rikorrenti dwar l-istat prekarju li kien jinsab missierhom, u saru jafu biss b'dan b'kumbinazzjoni minghand l-avukat taghhom wara li kien insista mal-legali tal-intimat li r-rikorrenti kellhom jinghataw access adekwat ghall-missierhom.

16. Illi r-rikorrenti ghandhom dritt li jithallsu l-porzjon riservat spettanti lilhom skond il-ligi, stante li s-sitt artikolu tal-precitat testment tad-defunt Micheal Mifsud huwa wiehed null u bla effett fil-ligi.

17. Illi l-esponenti jixtiequ li jircievu l-porzjoni riservata skond il-ligi u dana wara li ssir ir-reintegrazzjoni fittizzja tal-assi patrimonjali kollha appartenenti lid-defunt missierhom Micheal Mifsud.

18. Illi rikorrenti jiddikjaraw illi huma jafu b'dawn il-fatti personalment.

**B. Raguni ghat-Talbiet f'dawn il-proceduri**

19. Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru stante illi l-intimat minkejja diversi tentattivi li saru sabiex tkun koltivata transazzjoni, llum qed jirrifjuta li jiftiehem ma' hutu r-rikorrenti ghall-likwidazzjoni w l-hlas tal-porzjon riservata;

**C. Talbiet tar-rikorrent**

Ghaldaqstant r-rikorrenti in vista ta' dak kollu fuq premess, jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara li l-artikolu sitta tal-ahhar testament ta' Micheal Mifsud datat 24 ta' Jannar 2017 huwa null u bla effett stante li ma jissodisfax l-elementi li jirrikjedu l-artikolu 623 tal-Kapitolu Sittax tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-esponenti ghandhom id-dritt li jircievu l-porzjoni riservata skond il-ligi mill-assi patrimonjali tad-defunt missierhom Micheal Mifsud u pagabbli mill-intimat.

3. Tillikwida l-porzjoni rizervata skond il-ligi dovuta lill-esponenti, previa okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

4. Tikkundanna lill-intimat sabiex jhallas lill-esponenti l-porzjon rizervata hekk likwidata flimkien mal-imghax legali dekorribbli mill-prezentata ta' dawn l-proceduri sal-pagament effettiv.

   Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.'.

**Rat ir-risposta guramentata ta' Carmelo sive Charles Mifsud li taqra kif isegwi:**

'1. Illi l-maggor parti tal-premessi f'dan ir-rikors huma vessatorji. Jinkludu hafna allegazzjonijiet fiergha u bla bazi fil-konfront ta' l-ecceppjent, li kien hu l-unika persuna li vvoulntarja li jiehu hsieb

missieru kuntrarjament ghal l-atturi li l-anqas kellhom id-dicenza jiehdu hsieb jirrispettaw lil missierhom; tant illi fl-ahhar jiem ta' hajjtu kienu aktar mhedija illi jistitwixxu procedure kontrieh milli haga ohra.

2. Illi d-decius kellu kull dritt illi jiddizeredita lil atturi, stante illi ezistew ragnijiet sufficenti sabiex jaghmel dan.

3. Illi bla pregudizzju ghal premess id-dritt ghas-shem riservat jilledi d-dritt tal-propjeta tad-decius u konsegwentament ta' l-eredi tieghu, illi jaghmel li jrid u jgawdi hwejgu kif irid u dan bi ksur ta' l-artikolu sebgha u tletin (37) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u kif ukoll ta' l-ewwel (1) artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, liema Konvenzjoni giet inkorporata fil-Ligi ta' Malta permezz tal-Att 14 tal-1987 Kapitolu 319 (Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea).

4. Illi finalment u bla pregudizzju ghas-suespost l-ecceppjenti jirrileva illi kemm il-darba jigi ritenut illi l-atturi ghandhom xi dritt ghas-shem riservat, ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni, mhux biss id-donazzjonijiet moghtija, izda wkoll id-debiti ta' l-eredita fosthom d-debita ghal servigi rezi lid-decius.

5. Illi din ir-risposta qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament minn Carmelo sive Charles Mifsud li ghandu konoxxenza vera u propja tal-fatti in kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.'.

Rat l-affidavits, xhieda, certifikati tal-mewt, ricerki testamentarji sigrieti u pubblici, testment, nota ta' rinunzja tal-wirt, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tad-19 ta' April, 2018 il-Qorti ordnat l-inverzjoni tal-provi sabiex il-werriet jiggustifika d-diseredazzjoni;

Rat in-nota pprezentata mir-rikorrenti Angelo sive Gulinu Mifsud datata 28 ta' Awwissu, 2018 a fol. 34 tal-process fejn permezz taghha ceda l-kawza kwantu tikkoncerna lilu stante transazzjoni;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ntavolat nhar l-4 ta' Dicembru, 2018 (fol. 48) fejn talbu lil Onorabbli Qorti joghgobha tappunta Perit Tekniku sabiex jivvaluta l-assi mmobiljari tad-defunti Michael u Maria Assunta konjugi Mifsud u kif ukoll stimatur tad-deheb u gojjellerija li tinsab gewwa s-safe deposit boxes mal-banek APS Bank Limited, HSBC Bank (Malta) plc u mal-Bank of Valletta plc li kienu proprjeta' tad-defunti konjugi Mifsud u rat id-digriet tal-Qorti moghti fl-4 ta' Dicembru, 2018 fejn laqghet it-talba fit-termini ordnati seduta stante;

Rat illi fil-verbal tal-4 ta' Dicembru, 2018 Dr Victor Bugeja ghamel referenza ghar-rikors ipprezentat fl-atti tal-kawza bir-rikors numru 577/2016 LSO, fis-27 ta' Novembru, 2018, li hija miexja ma' din il-kawza kif ukoll maz-zewg kawzi bir-rikors numru 503/2017LSO u 485/2018LSO u billi l-kawza msemmija jitrattaw l-istess wirt, Dr Victor Bugeja talab li l-istimi mitluba jservu wkoll ghall-kawzi l-ohra. Rat illi l-intimat Charles Mifsud mhux assistit ma opponiex ghat-talba. Rat ukoll li l-Qorti laqghet it-talba u hatret lil Perit Godwin P. Abela sabiex jaghmel stima tal-proprjetajiet formanti parti mill-massa ereditarja fil-mument tal-ftuh tas-successjoni;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Godwin P. Abela ntavolat nhar il-25 ta' Gunju, 2019 u mahluf nhar l-4 ta' Frar, 2020 fl-atti tal-kawza

bir-rikors guramentat numru 577/16JVC fl-ismijiet Emanuela Schembri et -vs- Michael Mifsud a fol. 362 et seq tal-imsemmi process;

Rat ir-rikors intavolat fit-18 ta' Novembru, 2019 fl-atti tal-kawza bir-rikors guramentata numru 485/2018JVC fl-ismijiet Rita Muscat -vs- Carmelo sive Charles Muscat a fol. 49 et seq tal-imsemmi process fejn permezz tieghu r-rikorrenti Rita Muscat talbet sabiex il-Qorti tawtorizza u tordna lir-rapprezentanti tal-banek lokali sabiex fil-presenza tal-partijiet kollha, jifthu kwalsiasi *safe deposit box* mizmuma minnhom u intestata f'isem wiehed mill-genituri Maria Assunta Mifsud jew Michael Mifsud jew f'isem it-tnejn u/jew flimkien ma' terzi u b'tali mod li l-partijiet ikunu jistghu jiehdu konjizzjoni ampja tal-kontenut tal-istess safe deposit box. Talbet ukoll li l-Qorti tinnomina perit tekniku li ghandu gharfien professjonali dwar l-oggetti prezzjuzi li jistghu jinsabu gewwa s-safe deposit boxes imsemmija, fosthom dehebijiet, hagar prezzjuz u/jew gojjelli u dan b'tali mod li jkun jista jiehu konjizzjoni tal-kontenut tas-safe deposit box u jaghmel stima tal-istess anki bil-modalita' msemmija fit-talba precedenti. Rat li Dr Andrew Sciortino ghall-konvenuti fil-kawzi kollha ddikjara li m'ghandux oggezzjoni suggett illi l-apertura ssir fil-presenza tal-partijiet u li l-oggetti ma jinhargux mill-bank. Rat ukoll li l-Qorti fil-verbal tal-kawza odjerna tal-4 ta' Frar, 2020 (fol. 55) laqghet it-talba kontenuta fir-rikors u nnominat lil Michael Mizzi sabiex iwettaq l-access u jaghmel inventarju flimkien ma' valutazzjoni tal-oggetti li jinsabu fl-istess deposit boxes;

Rat illi fil-verbal tal-4 ta' Frar, 2020 gie dikjarat li din il-kawza qed tinstema' kontestwalment mal-kawzi 485/2018, 503/2017 u 577/2016;

Rat ir-rikors tas-16 ta' Gunju, 2020 fl-atti tal-kawza bir-rikors guramentat numru 577/2016JVC fl-ismijiet Emanuela Schembri et -vs- Michael Mifsud (fol. 397 tal-imsemmi process) fejn talbu li l-Qorti joghgobha tissostitwixxi l-inkarigu ghall-fini ta' valutazzjoni tal-gojjellerija msemmija u tahtar ghall-istess ghan lill-Konslu tal-Monte di Pieta s-Sur David Borg u rat id-digriet tal-Qorti moghti fil-25 ta' Gunju, 2020 (fol. 398 tal-imsemmi process) fejn stante n-nuqqas ta' oppozizzjoni laqghet it-talba u filwaqt li rrevokat l-iskop u n-nomina ta' Michael Mizzi nnominat ghall-istess skop lil David Borg ai fini tal-inkarigu kif espost fil-verbal tal-4 ta' Frar, 2020;

Rat id-domandi in eskussjoni tal-Perit Tekniku Godwin P. Abela li dahlu fl-atti tal-kawza bir-rikors guramentat numru 577/16JVC u fil-kawza 503/2017JVC u li ghalihom dahlu wkoll ir-risposti tal-Perit Tekniku;

Rat in-nota tal-intimat Carmelo sive Charles Mifsud intavolata nhar it-2 ta' Dicembru, 2020 (fol. 62) fejn permezz taghha rtira t-tieni eccezzjoni tieghu fejn eccepixxa d-diseredazzjoni salv u minghajr pregudizzju ghal bqija ta' l-eccezzjonijiet fl-istess risposta guramentata;

Rat illi fil-verbal tat-28 ta' Jannar, 2021 Dr. Sciortino nforma lil Qorti li fir-rigward tan-nomina ta' David Borg sabiex jivvaluta d-deheb huwa jinsab infurmat li mhux f'posizzjoni li jaccetta l-inkarigu in vista tal-impjieg tieghu mal-Gvern u rat li l-Qorti nnominat f'dan l-istadju lil Michael Mizzi (Gold Market) sabiex jivvaluta l-oggetti li hemm fid-deposit boxes tal-Bank of Valletta, Rahal Gdid u dan bi qbil tal-partijiet prezenti;

Rat ir-rapport tal-Espert Tekniku Michael Mizzi pprezentat nhar is-16 ta' April, 2021 u mahluf fl-14 ta' Lulju, 2021 a fol. 411 et seq tal-process bir-Rikors Guramentat numru 577/2016 fl-ismijiet Emanuela Schembri et -vs- Michael Mifsud;

Rat illi fil-verbal datat 10 ta' Novembru, 2022 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u l-processi annessi.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Fatti fil-qosor:</u>**

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti huma uhud minn ulied il-mejtin Michael Mifsud u Maria Assunta Mifsud xebba Scerri. Michael Mifsud gie nieqes fis-17 ta' Ottubru, 2017 (a fol. 7 tal-process), filwaqt li martu Maria Assunta Mifsud nee' Scerri giet nieqsa fl-20 ta' Marzu, 2016 (ara certifikat tal-mewt a fol. 4 tal-process bir-Rikors Guramentat numru 577/2016 fl-ismijiet Emanuela Schembri et -vs- Michael Mifsud).

Permezz tal-kawza odjerna, r-rikorrenti qed jitolbu li jinghataw il-porzjon riservat dovut lilhom mill-eredita' ta' missierhom il-mejjet Michael Mifsud.

2. Illi mir-ricerki testamentarji pubblici u sigrieti (a fol. 11 et seq tal-process) jirrizulta li l-mejjet Michael Mifsud irregola l-wirt u successjoni tieghu b'testment datat 24 ta' Jannar, 2017 fl-atti tan-Nutar Anna Maria Mizzi (ara testment a fol. 8 et seq tal-process).

Illi bl-imsemmi testment il-mejjet Michael Mifsud fl-Ewwel Artikolu hassar u annulla kwalunkwe testment li seta' ghamel qabel, kemm f'Malta kif ukoll fl-esteru. Fit-Tieni Artikolu halla b'titolu ta' legat lil ibnu Angelo sive Gulinu Mifsud in assoluta proprjeta' sehmu minn kamra bla numru fi Triq tad-Dawl, Haz-Zebbug, Malta. Fit-Tielet Artikolu halla wkoll b'titolu ta' legat lil Nathaniel, Mariah, Janice u Christa ahwa Mifsud ulied ibnu l-intimat Charles sehemhu mill-fond ossia kamra numru 6 fi Triq tad-Dawl, Haz-Zebbug, Malta b'kull ma hemm go fiha, u dan fi kwoti indaqs u indivizi bejniethom u bid-dritt tal-akrexximent bejniethom.

Il-mejjet Michael Mifsud fir-Raba' Artikolu iddispona wkoll illi wara l-mewt tieghu a kura ta' l-eredi tieghu hawn taht nominat, kellhom jigu celebrati numru ta' quddies fis-sena ghar-ruh ta' diversi nies.

Permezz tal-hames artikolu nnomina bhala eredi universali tal-proprjeta' kollha tieghu mobbli u mmobbli prezenti u futuri f'Malta jew fl-esteru, korporali jew inkorporali lil ibnu l-intimat Charles Mifsud bis-sostituzzjoni volgari ta' wliedu fi kwoti indaqs u indivizi bejniethom f'kaz ta' premorjenza. Dan bl-obbligu li dan ibnu eredi jkompli jirrendilu dawk il-kuri, servigi u assistenzi li hu jkun bzonn sal-mewt tieghu, bhal ma qed jaghmel sal-lum.

Finalment fis-sitt artikolu l-mejjet Michael Mifsud iddispona billi ddizereda kompletament lil uliedu Emanuela Schembri, Gemma

Mercieca, Maria Dolores Attard, Philip Mifsud, Agnes Zammit, u Joseph Mifsud stante li sostna li huma hatja ta' mohqrija lejh meta istitwew kawza kontra tieghu ghas-sehem riservat fuq il-wirt ta' ommhom u zied li minkejja li huwa ghamel offerti vantagguzi dawn baqghu jippersistu kontra tieghu, u barra minn hekk ghamlu mandati kontra tieghu b'tali mod li mhux biss iffrizaw il-proprjeta' li kienet derivanti mill-wirt ta' ommhom izda anke dik li hija tieghu personalment b'mod li minhabba tali mandati t-testatur spicca f'posizzjoni fejn ma jistax ihallas numru ta' kontijiet u debiti ohra li huwa ghandu, dan minkejja li talab ir-rilaxx ta' flusu sekwestrati dawn uliedu baqghu jirrifjutaw.

3. Ir-rikorrenti pprocedew bil-kawza odjerna fejn talbu li jigi dikjarat li l-artikolu sitta (6) tal-ahhar testment ta' Michael Mifsud datat 24 ta' Jannar 2017 huwa null u bla effett stante li ma jissodisfax l-elementi li jirrikjedi l-Artikolu 623 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Talbu wkoll li jigi dikjarat u deciz li huma ghandhom id-dritt li jircievu l-porzjoni riservata skont il-ligi mill-assi patrimonjali tad-defunt missierhom Michael Mifsud u pagabbli mill-intimat. Talbu li l-Qorti tillikwida l-porzjoni riservata skont il-ligi dovuta lilhom, previa okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi. Finalment talbu li l-Qorti tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas tali porzjoni riservata hekk likwidata flimkien mal-imghax legali dekorribbli mill-prezentata ta' dawn l-proceduri sal-pagament effettiv.

4. Illi l-intimat Carmelo sive Charles Mifsud primarjament eccepixxa li l-maggor parti tal-premessi f'dan ir-rikors huma vessatorji. Isostni li jinkludu hafna allegazzjonijiet fierha u bla bazi fil-konfront tieghu li piuttost kien hu l-unika persuna li vvoluntarjat li tiehu hsieb missieru kuntrarjament ghar-rikorrenti li lanqas kellhom id-dicenza li jiehdu hsieb jirrispettaw lil

missierhom, tant illi fl-ahhar jiem ta' hajtu kienu aktar mhedija li jistitwixxu proceduri kontrieh milli haga ohra. L-intimat bhala t-tieni eccezzjoni eccepixxa li missieru kellu kull dritt li jiddizereda lir-rikorrenti stante li ezistew ragunijiet sufficjenti sabiex jaghmel dan. Eccepixxa wkoll bla pregudizzju li d-dritt ghas-sehem riservat jilledi d-dritt tal-proprjeta' tad-decuius u konsegwentement tal-eredi tieghu li jaghmel li jrid u jgawdi hwejjgu kif irid u dan bi ksur ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u kif ukoll ta' l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, liema konvenzjoni giet inkorporata fil-Ligi ta' Malta. Finalment l-intimat eccepixxa u dan bla pregudizzju li kemm-il darba jigi ritenut li r-rikorrenti ghandhom xi dritt ghas-sehem riservat, ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni mhux biss id-donazzjonijiet moghtija, izda wkoll id-debiti ta' l-eredita' fosthom id-dejn ghas-servigi rezi minnu lid-decius.

**<u>It-tieni eccezzjoni – id-decius kellu kull dritt jiddizeredita lir-rikorrenti:</u>**

Illi permezz ta' nota ntavolata nhar it-2 ta' Dicembru, 2020 a fol. 62 tal-process, l-intimat Carmelo sive Charles Mifsud irtira t-tieni eccezzjoni tieghu fejn eccepixxa d-diseredazzjoni. Ghalhekk gialadarba din l-eccezzjoni giet irtirata, l-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tinoltra ruhha aktar fuqha.

**<u>It-tielet eccezzjoni – id-dritt tas-sehem riservat jilledi d-dritt tal-proprjeta' tad-decius bi ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea:</u>**

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-intimat Carmelo sive Charles Mifsud dwar din l-eccezzjoni ddikjara li m'ghadux qed jinsisti fuqha u qieghed jirtira l-istess. In vista li din l-eccezzjoni

giet irtirata l-Qorti wkoll m'ghandhiex ghalfejn tinoltra ruhha aktar fuq l-istess.

**<u>Likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta' Michael Mifsud u hlas tas-sehem riservat lir-rikorrenti Maria Dolores Attard et:</u>**

Illi kif sottomess aktar il-fuq Michael Mifsud gie nieqes fis-17 ta' Ottubru, 2017 u ghalhekk japplikaw ghall-kawza odjerna l-Artikoli 615 *et seq* tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendati bl-Att XVIII.2004 u bl-Att XV.2012.

Illi d-dritt tas-sehem riservat huwa dak il-jedd fuq il-beni tal-mejjet riservat mill-ligi favur id-dixxendenti tad-decius. L-Artikoli 615 u 616 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaqraw kif isegwi:

> '615 (1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.
>
> (2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:
>
> Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.

616. (1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.

(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma indaqs bejn it-tfal li jmisshom minnu.

(3) Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija.'.

Illi dwar ir-rijunjoni fittizja tal-assi ereditarji sabiex jigi rikostruwit il-patrimonju kollu tad-decius Michael Mifsud il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Portelli et -vs- Rita Portelli et** deciza fil-15 ta' April, 2004 fejn inghad illi:

'Wieħed irid jirriporta ruhu għall-valur fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni.

(a) Fl-ewwel lok għandhom jinġabru l-beni kollha fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni (relictum) u jingħata l-valur tagħhom fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni;

(b) Minn dan l-ammont għandu jinqata' d-dejn;

(c) Mal-bilanċ li jibqa' għandu jiżdied il-valur tal-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni. Fl-artikolu 648(b) tal-Kodiċi Civili jingħad li din il-proprjetà "shall be fictitiously added" meħud in kunsiderazzjoni tal-valur tal-proprjetà fi żmien tal-apertura tas-suċċessjoni iżda fil-kundizzjoni li kienet

meta ingħatat id-donazzjoni[1].

B'hekk inkunu nistgħu nsiru nafu jekk dak li ddispona minnu d-decujus (kemm matul ħajtu u wkoll permezz ta' dispożizzjonijiet testamentarji) jaqbiżx is-sehem li minnu seta' jiddisponi.'.

**Assi ereditarji tal-mejjet Michael Mifsud:**

Illi l-mejjet Michael Mifsud sar proprjetarju u sid assolut kwazi tal-immobbli kollha appartenenti lill-komunjoni tal-akwisti, inkluz tad-deheb u l-flus u dan peress li martu l-mejta Maria Assunta Mifsud bit-testment taghha tat-23 ta' Lulju, 2014 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja (ara estratt mit-testment a fol. 5 et seq tal-process bir-Rikors Guramentat numru: 577/2016 fl-ismijiet Emanuela Schembri et -vs- Michael Mifsud) istitwietu bhala l-werriet universali taghha. Jsegwi li l-Qorti ser tillikwida l-porzjoni riservata fuq is-sehem shih billi l-mejjet fid-data tal-mewt tieghu kien proprjetarju fis-sehem shih li kien ghadu ezistenti mal-mewt tieghu.

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li l-assi ereditarji ta' Michael Mifsud mad-data tal-mewt tieghu kienu jikkonsistu fis-segwenti:

**Immobbli li jirrizultaw mill-atti:**

1. Sehem shih tad-dar bin-numru 42 fi Triq Ebola, Haz-Zebbug (ara kuntratt t'akwist a fol. 344 et seq tal-process bir-Rikors Guramentat numru: 577/2016 fl-ismijiet Emanuela Schembri et -vs- Michael Mifsud). Dan il-fond gie stmat mill-Perit Arkitett Godwin P. Abela nominat mill-Qorti fl-ammont ta' **€250,000**.

[1] Wiehed izda ghandu jzomm f'mohhu l-emendi kwotati aktar il-fuq li jvarjaw din il-konkluzjoni tal-Qorti fejn fil-kaz odjern ghandu jittiehed in konsiderazzjoni l-valur ta' meta saret id-donazzjoni.

2. Sehem shih tad-dar bin-numru 34 fi Triq Ebola, Haz-Zebbug li huwa wkoll accessibbli minn bieb bin-numru 8 fi Triq id-Dawl, Haz-Zebbug, Malta (ara kuntratt ta' *datio in solutum* a fol. 350 et seq tal-process bir-Rikors Guramentat numru: 577/2016 fl-ismijiet Emanuela Schembri et -vs- Michael Mifsud). Dan is-sehem gie stmat mill-Perit Arkitett Godwin P. Abela nominat mill-Qorti fl-ammont ta' **€760,000**.

3. Sehem shih tal-Flat 5, Block 7 f'Murex Court, fi Triq l-Ghanejja Qajjenza, Birzebbuga (ara kuntratt t'akwist a fol. 336 et seq tal-process bir-Rikors Guramentat numru: 577/2016 fl-ismijiet Emanuela Schembri et -vs- Michael Mifsud). Dan is-sehem gie stmat mill-Perit Arkitett Godwin P. Abela nominat mill-Qorti fl-ammont ta' **€87,000**.

4. Sehem shih tal-Flat 6, Block 7 f'Murex Court fi Triq l-Ghanejja Qajjenza, Birzebbuga (ara kuntratt t'akwist a fol. 336 et seq tal-process bir-Rikors Guramentat numru: 577/2016 fl-ismijiet Emanuela Schembri et -vs- Michael Mifsud). Jigi nutat li fir-rapport tal-Perit Arkitett in-numru ta' dan l-appartament gie ndikat bin-numru 7. Dan il-fond gie stmat mill-Perit Arkitett Godwin P. Abela nominat mill-Qorti fl-ammont ta' **€100,000**.

5. Is-sehem shih tad-dar bin-numru 86 fi Triq Ninu Cremona, Rahal Gdid (ara kuntratt ta' donazzjoni a fol. 348 et seq tal-process bir-Rikors Guramentat numru: 577/2016 fl-ismijiet Emanuela Schembri et -vs- Michael Mifsud). Dan il-fond gie stmat mill-Perit Arkitett Godwin P. Abela nominat mill-Qorti fl-ammont ta' **€105,000**.

6. Is-sehem shih tal-hanut bin-numru 99, Coronation Bar fi Triq il-Kbira, Haz-Zebbug u tad-dar bin-numru 100 fi Triq il-Kbira, Haz-Zebbug accessibli ukoll mill-hanut bin-numru 99 (ara kuntratt ta' *datio in solutum* a fol. 350 et seq tal-process bir-Rikors Guramentat numru: 577/2016 fl-ismijiet Emanuela Schembri et -vs- Michael Mifsud). Dan il-fond gie stmat mill-Perit Arkitett Godwin P. Abela nominat mill-Qorti fl-ammont ta' **€510,000**.

7. Is-sehem shih tad-dar bin-numru 24 fi Triq il-Kappillan Guzepp Hili, Fontana, Ghawdex (ara kuntratt t'akwist a fol. 352 et seq tal-process bir-Rikors Guramentat numru: 577/2016 fl-ismijiet Emanuela Schembri et -vs- Michael Mifsud). Dan il-fond gie stmat mill-Perit Arkitett Godwin P. Abela nominat mill-Qorti fis-sena 2016 fl-ammont ta' **€130,000**.

8. Is-sehem shih tad-dar bin-numru 4 fi Triq Vassalli, Sqaq 2, Haz-Zebbug (ara kuntratt ta' *datio in solutum* a fol. 350 et seq tal-process bir-Rikors Guramentat numru: 577/2016 fl-ismijiet Emanuela Schembri et -vs- Michael Mifsud). Dan il-fond gie stmat mill-Perit Arkitett Godwin P. Abela nominat mill-Qorti fl-ammont ta' **€67,000**.

9. Is-sehem shih tad-dar bin-numru 102 fi Triq il-Kbira, Haz-Zebbug (ara kuntratt ta' *datio in solutum* a fol. 350 et seq tal-process bir-Rikors Guramentat numru: 577/2016 fl-ismijiet Emanuela Schembri et -vs- Michael Mifsud). Dan il-fond gie stmat mill-Perit Arkitett Godwin P. Abela nominat mill-Qorti fl-ammont ta' **€85,000**.

10. Nofs indiviz (1/2) tal-kamra bin-numru 14 fi Triq tad-Dawl, Haz-Zebbug (ara kuntratt t'akwist a fol. 340 et seq tal-process

bir-Rikors Guramentat numru: 577/2016 fl-ismijiet Emanuela Schembri et -vs- Michael Mifsud). Dan in-nofs indiviz (1/2) gie stmat mill-Perit Arkitett Godwin P. Abela nominat mill-Qorti fl-ammont ta' **€8,500**.

11. Sehem shih tal-kamra bl-arja taghha bin-numru 6 fi Triq tad-Dawl, Haz-Zebbug. Dan il-fond gie stmat mill-Perit Arkitett Godwin P. Abela nominat mill-Qorti fl-ammont ta' **€42,000**.

<u>Total ta' €2,144.500.</u>

Il-Qorti rat li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom ir-rikorrenti jilmentaw dwar l-valuri tal-immobbli skonthom dikjarati baxxi mill-Perit Tekniku Godwin P. Abela. Sabiex isahhu l-argument taghhom, ir-rikorrenti fl-atti ressqu numru ta' avvizi minn fuq siti fejn uhud mill-immobbli mertu tal-kawza odjerna kienu qeghdin jigu reklamati b'valuri ferm ghola minn dawk stabbiliti mill-Perit Tekniku Abela. Illi huwa fatt maghruf li hemm tendenza li fir-reklamar ta' proprjeta' l-prezzijiet jigu xi ftit jew wisq mghollija dan bi hsieb sabiex meta jsir in-negozjar tal-prezz tal-proprjeta' ma' xerrej prospettiv, il-bejjiegh jkollu fejn ibaxxi xi ftit il-prezz tal-proprjeta'. Madanakollu dan ma jfissirx li l-proprjeta' ser tinbiegh b'dak il-prezz. Dan premess, il-Qorti tirrileva li r-rikorrenti kellhom il-possibilita' li juzufruwixxu mill-hatra ta' periti perizjuri izda naqsu milli jaghmlu tali talba. Ghaldaqstant ir-rikorrenti ma jistghux jigu issa fin-nota ta' sottomissjonijiet jilmentaw mill-valur tal-immobbli minghajr ma ssostanzjaw tali lment skont il-ligi.

**<u>Flus il-bank li jirrizultaw mill-istatements ipprezentati minn Joanna Bartolo rapprezentanta tal-Bank of Valletta plc fis-seduta tal-11 ta' Marzu, 2019 (esebiti a fol. 242 et seq tal-process bir-Rikors Guramentat numru: 577/2016 fl-ismijiet Emanuela</u>**

**<u>Schembri et -vs- Michael Mifsud), kif ukoll mic-cedola ta' depositu (esebita a fol. 325 tal-process bir-Rikors Guramentat numru: 577/2016 fl-ismijiet Emanuela Schembri et -vs- Michael Mifsud):</u>**

1. Jirrizulta li fit-3 ta' Awwissu, 2016 giet ipprezentata cedola ta' depositu mill-Bank of Valletta plc wara mandat ta' Sekwestru bin-numru 1058/2016 mahrug mill-Qorti fil-15 ta' Lulju, 2016 (ara cedola a fol. 325 tal-process bir-Rikors Guramentat numru: 577/2016 fl-ismijiet Emanuela Schembri et -vs- Michael Mifsud) minn fejn jirrizulta li l-ammont iddepositat taht l-awtorita' tal-Qorti hu fl-ammont ta' €135,945.66.
2. Jirrizulta wkoll mid-deposizzjoni moghtija minn Joanna Bartolo – rapprezentanta tal-Bank of Valletta plc illi l-kont bankarju bin-numru 40010146037 fl-ismijiet Mikiel u Maria Assunta Mifsud ghadu miftuh u fis-sena April 2016 il-bilanc fih kien fl-ammont ta' €600.77.

   <u>Total ta' €136,546.43.</u>

**<u>Deheb:</u>**

Mill-atti jirrizulta wkoll partikolarment mix-xhieda moghtija minn Joanna Bartolo – rapprezentanta tal-Bank of Valletta plc (a fol. 301 tal-process bir-Rikors Guramentat numru: 577/2016 fl-ismijiet Emanuela Schembri et -vs- Michael Mifsud) illi l-mejtin Mikiel u Maria Assunta Mifsud kellhom zewg *deposit boxes* fil-*branch* tal-Bank of Valletta plc ta' Rahal Gdid li fihom kien hemm iddepositati d-deheb kollu taghhom. Id-*deposit boxes* kellhom in-numri 13597 u 13623. Stante li l-missier Mikiel Mifsud wiret minghand martu s-sehem kollu tad-deheb taghha, l-valur tad-

deheb ser jigi mdahhal fis-sehem shih ghal-likwidazzjoni tal-porzjoni riservat.

Fil-mori tal-kawza gie nominat Espert Tekniku Michael Mizzi li pprezenta r-relazzjoni tieghu nhar is-16 ta' April, 2021 a fol. 406 et seq tal-process. Minn tali relazzjoni rrizulta li l-valur tad-deheb li kienu jipposjedu l-konjugi Mifsud kien fl-ammont ta' €38,469.70.

L-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jargumenta li l-valur li nghata lid-deheb huwa dak prezenti u mhux dak fid-data tal-ftuh tas-successjoni u jitlob lil Qorti sabiex taddotta *arbitrio boni viri* valur anqas minn dak stabbilit mill-Perit Tekniku Mizzi tenut kont li l-valur tad-deheb/hagar jizdied maz-zminijiet. Minn harsa lejn ir-rapport tal-Espert Tekniku Michael Mizzi (a fol. 406 tal-process bir-Rikors Guramentat numru: 577/2016 fl-ismijiet Emanuela Schembri et -vs- Michael Mifsud) jirrizulta li huwa minnu li l-prezz moghti huwa dak tal-gurnata. Infatti huwa ndika '*Illi l-valur gie stabbilit bir-rata' ta' tnejn u tletin Euro (€32.00) kull grama u cioe' il-prezz tal-gurnata.'*.

Il-Qorti izda tirrileva li l-intimat naqas milli jressaq prova ohra fl-atti sabiex jikkontradixxi dan il-valur jew b'xi mod jghin lil din il-Qorti sabiex tasal ghall-valur tad-deheb fis-sena 2016. Il-Qorti ghalhekk ma ghandhiex triq ohra hlief li timxi mal-valur kif dikjarat fir-rapport tal-espert.

**<u>Donazzjonijiet:</u>**

Illi fil-massa ereditarja ghandhom ukoll jigu integrati zewg donazzjonijiet li gew moghtija mill-mejta Mikiel u martu Maria Assunta Mifsud lil intimat Carmelo sive Charles Mifsud u Angelo sive Gulinu Mifsud permezz ta' kuntratt tal-20 ta' April, 2008 fl-

atti tan-Nutar Mark Anthony Sammut (ara nota ta' insinwa a fol. 53 tal-process bir-Rikors Guramentat numru: 577/2016 fl-ismijiet Emanuela Schembri et -vs- Michael Mifsud). Din id-donazzjoni kienet ta' zewg garaxxijiet bin-numri 2 u 3 fi Triq tad-Dawl, Sqaq 1, Haz-Zebbug.

Illi bejn il-partijiet hemm qbil dwar l-integrazzjoni tal-garaxxijiet sabiex jiffurmaw parti mill-massa ereditarja. Madanakollu m'hemmx qbil dwar il-valur li ghandu jittiehed ta' dawn il-garaxxijiet. Filwaqt li r-rikorrenti jiehdu l-valur stabbilit mill-Perit Tekniku Godwin P. Abela (ara rapport a fol. 363 et seq tal-process bir-Rikors Guramentat numru: 577/2016 fl-ismijiet Emanuela Schembri et -vs- Michael Mifsud), l-intimat Carmelo Mifsud jinsisti li l-valur ghandu jkun dak ta' dakinhar li saret id-donazzjoni. Sabiex isahhah l-argument tieghu l-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet jaghmel referenza kemm ghal Artikolu 648(b) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Mario Calleja et -vs- Saviour Grima** deciza fit-28 ta' Jannar, 2016. Il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-intimat u cioe' li l-valur ghandu jkun ta' dakinhar li saret id-donazzjoni u ghalhekk il-valur li sejjer jittiehed kont tieghu huwa dak ta' €6,988 kull garaxx bit-total ikun dak ta' €13,976.

L-intimat jinsisti wkoll li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni li d-donazzjoni kienet tan-nuda proprjeta'. Il-Qorti tirrileva li la darba ser tiehu l-ammont iddikjarat fil-kuntratt tad-donazzjoni tal-20 ta' April, 2008 (a fol. 53 tal-process bir-Rikors Guramentat numru: 577/2016 fl-ismijiet Emanuela Schembri et -vs- Michael Mifsud) effettivament dak huwa l-valur tan-nuda proprjeta'. Ghalhekk il-Qorti mhux ser tiehu kont aktar ta' dan l-argument.

Dan ifisser li l-ammont li ghandu jigi mizjud huwa dak tan-nofs indiviz (1/2) li jammonta ghas-somma ta' €6,988.

**<u>Spejjez u djun li ghandhom jigu mnaqqsa ai termini tal-ligi:</u>**

Illi bejn il-partijiet m'hemmx qbil dwar l-ispejjez u djun li ghandhom jigu mnaqqsa. Id-djun li l-intimat Carmelo Mifsud jittenta jnaqqas huma:

i. Kont tal-Melita plc fl-ammont ta' €229.88;
ii. Kontijiet tad-dawl u ilma mal-ARMS Ltd;
iii. Kont tal-funeral fl-ammont ta' 2,724.34;
iv. Dejn mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali fl-ammont ta' €26,049.94.
v. Dejn partikolari mill-wirt ta' Maria Assunta Mifsud konsistenti (i) fis-sehem riservat dovut lil uliedha, u, (ii) debiti ghas-servigi rezi lilha u lill-mejjet Michael Mifsud.

Ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jargumentaw li l-intimat falla li juri li dan id-dejn kien gravanti l-eredita' tad-defunt Michael Mifsud.

i. Dwar il-kontijiet tal-Melita plc u ARMS Ltd, sostnew li ma jirrizultax min kienu l-persuni li kkonsmaw tali servizzi u utilitajiet u jirrizulta biss li dawk is-servizzi kienu iskritti favur proprjetajiet li kienu jappartjenu lid-defunti ginituri tal-partijiet. Il-Qorti ma taqbilx mal-argument tar-rikorrenti li l-intimat kellu jipprova min ghamel uzu mis-servizzi. Gialadarba fl-atti tressqet il-prova li l-kontijiet huma fuq isem wiehed mill-mejta Michael Mifsud jew Maria Assunta Mifsud huwa sufficjenti bhala prova tad-djun. Dan ghaliex fl-ahhar mill-ahhar huma l-persuni li fuqhom huwa skritt is-servizz li jridu jaghmlu tajjeb ghalih.

Ghalhekk fir-rigward l-avviz tal-hlas tal-kont tal-Melita plc li kopja tieghu tinsab a fol. 306 tal-process bir-Rikors Guramentat numru 503/2017JVC fl-ismijiet Rita Muscat -vs- Michael Mifsud, il-Qorti tqis li l-ammont hemm indikat ghandu jittiehed kont tieghu meta nigu ghal komputazzjoni. Dan l-ammont huwa dak ta' €229.88.

ii. Dwar il-kontijiet tad-dawl u ilma l-Qorti tqis li l-istess argument tal-paragrafu precedenti jghodd fil-kaz tal-kontijiet tal-ARMS Ltd. Il-Qorti tifhem li d-dejn li ghandu jigi mnaqqas huwa dak fid-data tal-mewt ta' Michael Mifsud u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina wiehed wiehed il-kontijiet flimkien mar-rendikont spezzettat tul is-sninipprezentati fl-atti minn Reuben Bonnici – rapprezentant ARMS li xehed fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2022 (a fol. 204 et seq tal-process bir-Rikors Guramentat numru 503/2017JVC fl-ismijiet Rita Muscat -vs- Michael Mifsud). L-ammont li ser jigi kkunsidrat huwa s-segwenti:

a. Kont 102, Triq il-Kbira, Haz-Zebbug - €1251.22;
b. Kont 42, Triq Ebola, Haz-Zebbug - €1212.78;
c. Kont 24, Triq il-Kappillan Guzeppi Hili, Fontana, Ghawdex - €968.80;
d. Kont 86, Triq Ninu Cremona, Paola - €1261.24;
e. Kont 4, Triq Vassalli Sqaq numru 2, Haz-Zebbug - €341.06.

Dwar il-kontijiet li hemm fuq isem Giorgia Mifsud tal-fond 8 fi Triq tad-Dawl, Haz-Zebbug, u Victoria Psaila tal-fond Coronation Bar, Triq il-Kbira, Haz-Zebbug il-Qorti m'hijiex ser tiehu kont taghhom stante li fid-data tal-apertura tas-successjoni l-meters kienu fuq isem dawn it-terzi persuni u dan anke kif ikkonfermat minn Reuben Bonnici fix-xhieda tieghu fis-seduta tas-27 ta' Gunju,

2022 (fol. 308 tal-process bir-Rikors Guramentat numru 503/2017 fl-ismijiet Rita Muscat -vs- Michael Mifsud).

Ghalhekk it-total ta' dejn relatat mal-ARMS Ltd huwa dak ta' €5035.10.

iii. Dwar il-kont tal-funeral li gie esebit a fol. 303 et seq tal-process bir-Rikors Guramentat numru 503/2007 fl-ismijiet Rita Muscat -vs- Michael Mifsud il-Qorti ser tghaddi sabiex tiehdu in konsiderazzjoni fl-ammont shih billi huwa relatat mal-funeral tal-missier Mikiel Mifsud. Ghaldaqstant l-ammont li ghandu jigi kkunsidrat huwa dak ta' €2,724.34.

iv. Dwar il-kont pendenti li hemm mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali fl-ammont ta' €26,049.94 ir-rikorrenti jargumentaw illi l-Qorti m'ghandiex tiehu kont tieghu billi tali dejn ghadu ma thallasx mill-intimat biex b'hekk ghadu dejn ipotetiku u jista jkun ma jigi qatt imhallas. Isostnu li fil-prezent ghad hemm lok li tali pretensjoni tad-Dipartiment tigi missielta u tibqa' mhux imhallsa, sija jekk ghal raguni ta' preskrizzjoni, raguni ta' kwantifikazzjoni jew kwalsiasi raguni ohra.

Illi fl-atti xehed Ivan Cilia – principal fid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali fejn fix-xhieda tieghu tal-4 ta' April, 2022 a fol. 198 tal-kawza bir-Rikors Guramentat numru 503/2017 fl-ismijiet Rita Muscat -vs- Michael Mifsud stqarr illi Michael Mifsud kellu overpayment mid-dipartiment fl-ammont ta' €28,053.37 billi meta kien applika ghal ghajnuna tal-mard ma kienx gharraf lid-dipartiment li kellu proprjetajiet ohra u artijiet ohra u ghalhekk l-ammont indikat kellu jigi rifuz lura. Ix-xhud jghid li sakemm gie nieqes is-Sur Mifsud hallas l-ammont ta' €2003.43 billi kienu gew maqtuwa mill-pensjoni tieghu.

Illi fil-fehma tal-Qorti la darba l-ammont kien gia beda jigi rifuz mill-mejjet Michael Mifsud dan jevidenzja li mad-data tal-mewt tieghu allura dan kien jikkonsisti f'dejn dovut mid-decuius. Ukoll fl-atti l-intimat esebixxa wkoll diversi ittri nkluz ittra legali li permezz taghha gie nterpellat sabiex ihallas il-bilanc rimanenti. Ghaldaqstant il-Qorti ser tikkunsidra l-ammont kollu li ghadu dovut bhala dejn dovut fis-somma ta' €26,049.94.

v. Jifdal x'jigi trattat id-dejn partikolari mill-wirt ta' Maria Assunta Mifsud konsistenti (i) fis-sehem riservat dovut lil uliedha, u, (ii) debiti ghas-servigi rezi lilha.

Dwar id-dejn partikolari rizultanti mill-wirt ta' Maria Assunta Mifsud konsistenti fis-sehem riservat dovut lil uliedha l-Qorti tinnota li r-rikorrenti m'ghamlu l-ebda accenn ghal dan id-dejn fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom. L-intimat Carmelo Mifsud fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jinsisti li ghandu jigi mnaqqas peress li jifforma parti mid-djun tal-istess eredita' tal-omm. Fil-fehma tal-Qorti s-sehem riservat dovut lil ulied mill-wirt u successjoni tal-mejta Maria Assunta Mifsud ghandu jifforma parti mid-dejn billi effettivament huwa kreditu tal-valur kontra l-beni tal-mejta. Jsegwi ghalhekk li l-ammont ta' €422,081.61 (€60,296.46 x 6 + €60,302.85) ghandu jigi kkalkulat u mnaqqas bhala dejn.

Dwar id-debiti ghas-servigi rezi lill-mejta Maria Assunta Mifsud il-Qorti ma llikwidat l-ebda ammont fil-kawzi relatati li qed jigu decizi llum stess ghaldaqstant m'hemmx x'jigi kkunsidrat bhala dejn. Dan qieghed jinghad ukoll fir-rigward kwalunkwe pretensjoni ta' servigi li l-intimat jippretendi fir-rigward missieru Michael Mifsud fejn il-Qorti tqis li jekk l-intimat Carmelo Mifsud pretenda kumpens ghas-servigi, l-mezzi legali disponibbli kienu li

jipprocedi jew b'kawza *ad hoc* jew inkella b'kontro-talba f'dan is-sens izda dan ma ghamlux. Fi kwalunkwe kaz fl-atti kollha bhala prova dwar dawn l-allegati servigi gie unikament prezentat affidavit tal-intimat minghajr ma bl-ebda mod ma prova jikwantifika s-servigi dovuti lilu u jiprezenta dokumentazzjoni fir-rigward. Ghalhekk tali pretensjoni fi kwalunkwe kaz ma gietx sufficjentement ippruvata.

Dan premess, fil-kawza bir-Rikors Guramentat numru 485/2018 fl-ismijiet Rita Muscat -vs- Carmelo sive Charles Mifsud il-Qorti allokat is-somma ta' tlett elef Ewro (€3,000) bhala servigi, kuri u assistenzi rezi mir-rikorrenti Rita Muscat. Ghaldaqstant dan l-ammont jifforma parti wkoll mid-dejn u ghandu jigi mizjud bhala tali.

Total tad-dejn huwa dak ta' <u>€459,120.87</u>

**<u>Legati:</u>**

Illi r-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom trattaw fit-tul il-kwistjoni jekk ghandhomx jitnaqqsu jew le l-legati mhollija mill-mejjet Michael Mifsud a tenur tat-Tieni Artikolu u t-Tielet Artikolu tat-testment tieghu u li kienu jikkonsistu li fit-Tieni Artikolu halla b'titolu ta' legat lil ibnu Angelo sive Gulinu Mifsud in assoluta proprjeta' sehmu minn kamra bla numru fi Triq tad-Dawl, Haz-Zebbug, Malta. Filwaqt li fit-Tielet Artikolu halla b'titolu ta' legat lil Nathaniel, Mariah, Janice u Christa ahwa Mifsud ulied ibnu l-intimat Charles sehemhu mill-fond ossia kamra numru 6 fi Triq tad-Dawl, Haz-Zebbug, Malta b'kull ma hemm go fiha, u dan fi kwoti indaqs u indivizi bejniethom.

Illi l-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ma jaghmel l-ebda accenn dwar il-legati madanakollu l-Qorti tinnota li fin-noti ta' sottomissjonijiet tal-kawzi l-ohra bejn l-istess partijiet huwa ddikjara b'mod car l-opinjoni tieghu u cioe' li skont kif tghallem il-gurisprudenza, f'kaz li legat m'huwiex rimuneratorju, ma jitqiex bhala dejn u jizdied mal-kumplament tal-assi ghall-finijiet tal-kalkolu tas-sehem rizervat. Minn qari tat-testment in partikolari tal-artikoli in kwistjoni l-Qorti minn imkien ma ppercepiet b'mod car u espressament li d-decuius halla l-legati bi hlas ta' servigi li ghamlu mieghu. Ghaldaqstant il-Qorti m'hijiex ser tikkunsidra l-legati bhala rimuneratorji u ghalhekk bhala dejn.

**<u>Kalkolazzjoni u hlas tal-porzjon riservat:</u>**

| | |
|---|---|
| 1. Immobbli - | €2,144,500 + |
| 2. Flus il-bank - | €136,546.43 |
| 3. <u>Deheb -</u> | <u>€38,469.70</u> |
| Total - | €2,319,516.13 |

| | |
|---|---|
| Valur totali - | €2,319,516.63 – |
| <u>Dejn -</u> | <u>€459,120.87</u> |
| | €1,860,395.76 |

| | |
|---|---|
| Valur totali - | €1,860,395.76+ |
| <u>Donazzjoni -</u> | <u>€6,988</u> |
| | €1,867,383.76 |

**<u>Sehem kull rikorrent bhala porzjon riservat (1/18) - €103,743.54</u>**

**<u>Imghax u spejjez:</u>**

Illi l-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jinsisti li l-Qorti ghandha tapplika d-diskrezzjoni taghha taht il-proviso ai termini tal-Artikolu 615(2). Isostni li l-proceduri gew intavolati fis-sena 2018 u l-provi tar-rikorrenti gew maghluqa f'Novembru, 2021 u ghalhekk certament ma jistax jinghad li kien hemm xi delungar zejjed da parte tieghu. Sahaq ukoll li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni li wara li gew istitwiti dawn il-proceduri gew impost ir-restrizzjonijiet relatati mal-Covid 19 li wkoll taw lok ghal dewmien u ghal dan m'ghandux ibghati hu.

Illi l-Qorti tinnota li Michael Mifsud gie nieqes nhar is-17 ta' Ottubru, 2017 u l-kawza odjerna giet intavolata nhar it-23 ta' Frar, 2018. Fl-atti ma giet ipprezentata l-ebda korrispondenza jew komunikazzjoni li ghaddiet bejn il-partijiet bejn il-perijodu tal-mewt ta' Michael Mifsud u l-intavolar tal-kawza odjerna. Fil-ligi m'hemmx indikat il-perijodu meta persuna tista tipprocedi bl-intavolar ta' kawza ghal porzjoni riservat u fl-Artikolu 615 sub-artikolu (2) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li jekk l-imghax ma jintalabx fi zmien sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni dan jkun dovut mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju. Il-Qorti rat izda li r-rikorrenti nfushom fir-raba' talba taghhom llimitaw it-talba ghal imghax minn dakinhar tal-ftuh tal-proceduri odjerni. Il-Qorti f'dan il-kaz tqis li allura huwa gust li timxi ma dak mitlub minnhom fit-talba stante wkoll li jirraprezentaw il-maggoranza tal-ulied.

Il-Qorti taqbel illi kien hemm perijodu fejn il-Qrati kienu maghluqa billi ma kinux qeghdin isiru seduti minhabba l-Covid 19. Ghaldaqstant mehud kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha l-Qorti tqis li huwa gust u ekwu li l-imghax jibda jiddekorri minn dakinhar tal-ftuh tal-proceduri odjerni u cioe' mit-23 ta' Frar, 2018 u dan ghandu jiddekorri bir-rata ta' 6% u mhux bir-rata ta' 8%.

Mid-data tad-decizjoni izda l-imghax ghandu jibda japplika bir-rata ta' 8 % sad-data tal-pagament effettiv.

Dwar l-ispejjez il-Qorti tqis li l-intimat ghandu jbati l-ispejjez kollha tal-kawza odjerna salv ghall-ispejjez tal-Perit Tekniku Godwin Abela stante li l-Qorti gia provdiet dwar il-hlas ta' dawn fid-decizjonijiet taghha bin-numri 577/16 u 503/17 moghtija llum stess.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara t-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-intimat Carmelo sive Charles Mifsud bhala rtirati;

2. Tichad l-eccezzjonijiet kollha l-ohra tal-intimat safejn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

3. Tiddikjara l-ewwel talba bhala sorvolata stante li t-tieni eccezzjoni relatata mad-diseredazzjoni giet irtirata fil-mori tal-kawza;

4.Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li r-rikorrenti ghandhom dritt li jircievu l-porzjoni rizervata skont il-ligi mill-assi patrimonjali tad-defunt missierhom Michael Mifsud u pagabbli mill-intimat;

5. Tilqa' t-tielet talba u tillikwida l-porzjoni rizervata skont il-ligi dovuta lir-rikorrenti fl-ammont kumplessiv ta' mija u tlett elef, seba' mija u tlieta u erbghin Ewro u erbgha u hamsin centezmi (€103,743.54);

6. Tilqa' r-raba' talba u tikkundanna lill-intimat Carmelo sive Charles Mifsud sabiex ihallas lir-rikorrenti l-porzjon riservata hekk likwidata flimkien mal-imghax legali bir-rata' ta' 6% dekorribbli mid-data tal-ftuh tal-proceduri odjerni sad-data tad-decizjoni odjerna u bir-rata ta' 8% mid-data tad-decizjoni sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-intimat salv ghall-ispejjez tal-Perit Tekniku Godwin Abela stante li l-Qorti gia provdiet dwar il-hlas ta' dawn fid-decizjonijiet taghha bin-numri 577/16 u 503/17 moghtija llum stess.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**3 ta' Ottubru, 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**3 ta' Ottubru, 2023**